MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2006

Numru 940/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Romina Veneziani)**

**Vs**

Kevin Saliba

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Kevin Saliba detentur ta' karta ta' identita' numru 215875(M), akkuzat talli:

Nhar il-Hadd 3 ta' Settembru 2006, ghal habta ta' 12:30 ta' wara nofs inhar, gewwa Triq l-Imrabat, Sliema seraq telefon cellulari tal-marka Samsung ghad-dannu ta' Ivan Calleja mill-Gzira, liema valur jeccedi l-mitt Lira (Lm100) izda mhux aktar l-elf Lira (Lm1000), liema serq huwa aggravat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa.

Sar recediv fuq sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat u fuqa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuza hija ta’ serq ta’ telefon cellulari aggravat bil-valur u xorta tal-haga misruqa.

Fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat, il-Qorti qeghdha ssibu hati.

Stante li waqt it-trattazzjoni tal-piena rrisulta fic-car li l-imputat ghandu l-problema tad-droga u jinsab recediv, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tadotta bhala piena l-prigunerija sospiza bin-nomina ta’ ufficjal tal-probation.

Rat l-Artikolu 261(c)(g), 267, 271(g), 280, 49, 50, 31, 28A u 28G tal-Kap 9 u tiddeciedi li tikkundanna l-imputat sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin u tinnominalu ufficjal tal-probation li ghandhu jassikura li l-imputat iwettaq il-kundizzjoni imposta fuqu skond il-verbal relattiv l-udjenza tal-lum, jigifieri li l-imputat jissottometti ghat-test tal-urina mill-anqas darba fix-xahar jew skond ma jiddecidi l-ufficjal tal-probation.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------